MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 425/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur qed jitlob, inter alia, li din il-Qorti " tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-konvenuta lill-attur ghall-minuri [Mya B], u tordna illi tali retta alimentari ghandha tkun soggetta ghaz-zieda ta' l-gholi tal-hajja, u ghandha tinqata' mill-paga jew salarju tal-konvenuta kull fejn din tista' tkun qeda tahdem u tigi mhallsa direttament lill-attur gewwa r-residenza tieghu." kif ukoll sabiex l-istess konvenuta tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat is-sentenza parzjali1 moghtija fid-29 ta' Jannar 2009, fejn li l-istess qorti kienet ddecidiet dwar it-tielet talba hekk: "tilqa' t-tielet talba limitatament billi tafferma l-obbligu tal-konvenuta li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri Mya ; filwaqt li tirrizerva li tipprovdi dwar il-quantum fi stadju ulterjuri, wara li tkun semghet provi ulterjuri in propozitu" u ordnat l-prosegwiment tal-kawza rigward il-quantum tal-kontribut tal-manteniment ghat-tifla, li ghandha thallas il-konvenuta ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Semghet il-provi bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi din il-parti tal-gudizzju tikkoncerna l-quantum tal-manteniment li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur bhala l-kontribut taghha ghall-manteniment tat-tifla taghhom Mya B li fil-prezent qeda tghix ma' l-attur li gie fdat bil-kura u kustodja taghha permezz tas-sentenza parzjali fuq citata.

**Il-Fatti**
Illi l-fatti relevanti f' dan ir-rigward huma s-segwenti.

Illi fuq rikors[2] prezentat u mahluf mill-attur fl-atti tal-medjazzjoni preordinati ghall-proceduri odjerni, u li ghalih il-konvenuta, ma prezentat ebda risposta, l-istess konvenuta kienet giet ordnata, permezz ta' digriet moghti fit-13 ta' Novembru 2007, li pendente lite thallas lill-attur is-somma ta' Lm120 kull erba gimghat bhala manteniment ghall-minuri .

Illi permezz tas-sentenza precitata, din il-Qorti, fl-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u senjatament fejn gie assenjat lill-attur, is-sehem tal-

[1] Fol.110-111
[2] Fol.135 *et seq.*

konvenuta mid-dar konjugali, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-attur, kien lest li jirrinunzja ghal diversi krediti dovuti lilu mill-konvenuta, fosthom is-somma ta' LM630 "arretrati tal-manteniment ghall-minuri mit-13 ta' Novembru 2008 l-hawn x' jithallsu mill-konvenuta, u [dan sa] 1 ta' April 2008"[3]

Ghalhekk, permezz ta' din l-assenjazzjoni bazata fuq proposta ta' l-istess attur, din il-Qorti llikwidat u assenjat il-kreditu ta' l-attur dovut mill-konvenut bhala arretrat ta' manteniment fl-imsemmija somma, ghall-perijodu fuq indikat. Din l-ekwiparazzjoni tinsab espressament accettata u ordnata minn din il-Qorti fis-sentenza precitata. Dawn huma l-parametri tal-fatti li fuqhom ddecidiet din il-Qorti.

Illi fil-mori tal-proceduri, din il-Qorti, fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2008, emendat id-digriet provvizorju moghti fit-13 ta' Novembru 2007, fis-sens li l-ammont dovut mill-konvenuta gie ridott ghal €139.76 [Lm60] kull xahar

*Manteniment Arretrat*

Konsegwentement l-arretrat ta' manteniment dovut mill-konvenuta huwa ghas-segwenti perojodu f' dawn l-ammonti:

[1] Mit-2 ta' April 2008 sat-3 ta' Marzu 2009 [11-il xahar] ; fl-ammont ta' €3,075.60 [Lm1,320][4] ; u

[2] Mill-4 ta' Marzu 2009 sal-24 ta' Gunju 2009 [4 xhur circa] ; fl-ammont ta' €559.04 [Lm559.04][5]

Illi ghalhekk dawn l-ammonti huma dovuti mill-konvenuta lill-attur bhala arretrat ta' manteniment, izda li minnhom trid tigi dedotta [A] is-somma ta' €1,200 li l-konvenuta hallset fil-mori tal-proceduri kriminali, kif ukoll [B] kull ammont ulterjuri li l-konvenuta setghet hallset wara d-digriet tat-3 ta' Marzu 2009.

[3] Nota guramentata [attur] fol.92
[4] LM120 x 11 xhur
[5] €.139.76 x 4 xhur

In vena legali, jigi osservat li, ghalkemm huwa veru li l-Art.54[2] et *seq* jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment *ex nunc*, izda meta fil-kors tal-kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' l-arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjoni u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment.[6]

Illi b' referenza ghall-argument promoss mill-konvenuta fin-nota taghha, fis-sens li din m'ghandhiex thallas "manteniment arretrat" sad-data tas-sentenza, il-Qorti tirrileva li [1] il-parti dispozittiva ghandha tiftiehem fid-dawl ta' dak stabbilit fil-korp tas-sentenza ; u [2] fil-parti dispozittiva din il-Qorti ghamlitha cara li l-manteniment li serva bhala ekwiparazzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni, kien dak li l-attur "qed jirrinunzja" ghalih, li fil-korp tas-sentenza jirrizulta spjegat u stabbilit li dan kien jammonta ghas-somma ta' Lm630 rapprezentanti manteniment dovut sal-1 ta' April 2008. Ghaldaqstant il-pretensjoni tal-konvenuta fis-sens li hi ghandha thallas biss manteniment minn wara d-data tas-sentenza, stante li l-attur irrinunzja ghall-manteniment arretrat, hija nsostenibbli fattwalment u legalment.

*Manteniment Futur*

Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-fatti relattivi ghall-quantum li ghandha thallas il-konvenuta fil-futur.

In tema legali jigi osservat li, ghalkemm il-manteniment dovut ghandu jkun proporzjonat bejn il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-minuri, jibqa' ferm il-principju li "kull genitur ghandu obbligu jikkontribwixxi ghall-ghixien u l-manteniment tal-ulied, u ghal dan il-ghan kull genitur ghandu jara x' jaghmel biex jaghmel sforz genwin [anke a skapitu tal-interessi personali tieghu] biex imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja"[7] *multo magis* meta, bhal fil-kaz prezenti, il-genitur, allura l-konvenuta, kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu.

---

[6] App. Pulis vs Pulis deciz 16 ta' Frar 2007

[7] App.169/03 B vs B deciz 3 ta' April 2009

Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena li fih inhareg id-digriet tat-13 ta' Novembru 2007, il-konvenuta kienet tahdem mas-socjieta VF Malta Ltd. b' salarju mensili net ta' circa Lm550. Fl-gheluq dan l-impieg, kawza ta' redundancy, fit-12 ta' Lulju 2007, il-konvenuta fis-27 ta' Lulju 2007 hadet somma ta' €5,553.30. Sussegwentemnt hija hadmet mas-socjeta' Dizz Ltd, b' paga mensili gross fl-ammont ta' Lm250 ; u mit-23 ta' Jannar 2008 bdiet tahdem mas-socjeta' Dorkins Ltd b' paga mensili netta ta' €633.25 [Lm271.85]

Minn naha tieghu l-attur fil-prezent jahdem mas-socjeta' Vaults Company Limited, jaqla' circa €880 [Lm377].

Illi rigward il-bzonnijiet tal-minuri, dawn jinsabu elenkati fil-lista, prezentata u mahlufa, mill-attur a fol.37, minn fejn jirrizulta li, fil-prezent, dawn l-ispejjez jammontaw ghal circa Lm156 ossia €364.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha relevanti, tistabbilixxi *rebus sic stantibus*, il-kontribut li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur bhala manteniment ghal binthom minuri Mya s-somma ta' €130 kull erba' gimghat li ghandha tizdied kull sena skond iz-zieda tal-gholi tal-hajja registrat fl-indici ufficjali tal-gvern, u li ghandha tinqata' direttament mill-paga tal-konvenuta kull fejn dina tista' tkun qeda tahdem, u mhallsa direttament lill-attur gewwa r-residenza tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tistabilixxi li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur bhala manteniment arretrat, kif fuq stabbilit, l-ammonti ta' €3,075.60 u €559.04, nieqes is-somma ta' €1,200 u kull somma li thallset ulterjorment wara t-3 ta' Marzu 2009 sad-data ta' dan il-gudizzju, tordna li l-konvenuta thallas lill-attur dawn l-ammonti; kif ukoll thallas is-somma ta' €130 kull erba' gimghat bhala manteniment ghal binthom Mya, liema somma ghandha tizdied kull sena skond iz-zieda tal-gholi tal-hajja registrat fl-indici ufficjali tal-gvern, u li ghandha tinqata' direttament mill-paga tal-konvenuta kull fejn dina

tista’ tkun qeda tahdem, u mhallsa direttament lill-attur gewwa r-residenza tieghu.

Tordna li l-kumplament ta’ l-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------